C/2026/2940

28.5.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ M.12418 – INFLEXION / MARIOFF)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/2940)

1. Fit-13 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Inflexion Private Equity Partners LLP ("Inflexion", ir-Renju Unit),

— Marioff Buyer Oy ("Marioff", Finland), fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Sentinel Capital Partners, L.L.C. ("Sentinel", l-Istati Uniti).

Inflexion se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' Marioff.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Inflexion hija ditta ta' ekwità privata ta' nofs is-suq bbażata fir-Renju Unit, li tinvesti f'negozji stabbiliti b'rata għolja ta' tkabbir għal ishma minoritarji jew maġġoritarji, u għandha direttament jew indirettament investimenti f'kumpaniji attivi fis-setturi li ġejjin: tas-servizzi ta' negozju, tal-konsumatur, tas-servizzi finanzjarji, tal-kura tas-saħħa, tal-industrija, u tat-teknoloġija,

— Marioff hija fornitur globali, bi kwartieri ġenerali fil-Finlandja, ta' sistemi ta' trażżin tan-nar permezz ta' raxx tal-ilma, kif ukoll servizzi professjonali relatati tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawn is-sistemi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12418 — INFLEXION / MARIOFF

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.